



Brussell, 15 ta' Mejju 2025
(OR. en)

8649/1/25
REV 1

COMPET 337
BETREG 19
IA 39

NOTA

| | |
|----------|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | <i>Tħejija tal-Kunsill Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju) tat-22 ta' Mejju 2025</i> Il-Kunsill bħala filtru tal-burokrazija – kif jinkisbu regolamenti li jgħinu n-negozju matul il-proċess leġiżlattiv mill-bidu nett tiegħu <i>- Dibattitu ta' orjentazzjoni</i> |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuzà nota ta' informazzjoni mill-Presidenza dwar "Il-Kunsill bħala Filtru tal-Burokrazija - kif jinkisbu regolamenti li jgħinu n-negozju matul il-proċess leġiżlattiv mill-bidu nett tiegħu" bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Kompetittività tat-22 ta' Mejju 2025.

DOKUMENT TA' DISKUSSIONI

Laqgħa tal-Kunsill Kompetittività

Brussell, 22 ta' Mejju 2025

*Il-Kunsill bħala Filtru tal-Burokrazija - kif jinkisbu regolamenti li jgħinu n-negozju
matul il-proċess leġiżlattiv mill-bidu nett tiegħu*

Fl-ekonomija dinjija u Ewropea dinamika u kumplessa tal-lum, it-tnaqqis tal-piżijiet regolatorji fuq in-negozji sar prijorità kritika għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-Unjoni Ewropea. Regolamenti eċċessivi u frammentati jżidu l-ispejjeż tal-konformità, joħolqu ostakli għad-dħul ta' negozji ġodda, jiskoraġġixxu lin-negozji milli jinneozjaw b'mod transfruntier u joħonqu l-innovazzjoni u t-tkabbir. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi jeħtieġ sforz konġunt mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri biex jistabilixxu ambjent legali li jappoġġa lin-negozji, filwaqt li jinkisbu objettivi ekonomiċi, soċjali u ambjentali b'mod kosteffiċjenti. Il-proposti leġiżlattivi jridu jagħtu prijorità lill-kompetittività u l-vijabbiltà ekonomika mill-bidu nett.

Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Marzu 2025, il-Kunsill Ewropew enfasizza l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati u jitnaqqsu drastikament, bħala kwistjoni ta' urġenza, il-piżijiet amministrattivi, regolatorji u ta' rappurtar. Appella għal leġiżlazzjoni simplifikata tal-UE li trawwem qafas regolatorju ċar, sempliċi u li jgħin l-innovazzjoni. Barra minn hekk, ħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-koleġiżlaturi jimxu mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, jevitaw ir-regolamentazzjoni żejda, u jiżguraw li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ma jintlaqtux sproporzjonalment.

Is-simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju eżistenti hija komputu urġenti. Madankollu, huwa importanti li jiġi żgurat li regolamenti ġodda ma joħolqux piżijiet bla bżonn għan-negozji, speċjalment fuq perjodu twil ta' żmien. Minflok ma jinħolqu regoli li jeħtieġu simplifikazzjoni, il-proċess leġiżlattiv għandu jirriżulta fl-istabiliment ta' qafas regolatorju li jgħin in-negozju mill-bidu nett.

Minkejja l-impenji li ilhom jeżistu għal regolamentazzjoni aħjar u l-eżistenza ta' għodod iddedikati, xi dispożizzjonijiet leġiżlattivi għadhom qed jimponu piżijiet jew spejjeż sproporzjonati. Il-partijiet ikkonċernati tan-negozju konsistentement qajmu tħassib li emendi sostanzjali, partikolarment dawk introdotti lejn tmiem il-proċess leġiżlattiv, jistgħu jfixxlu mudelli kummerċjali sħaħ u jqiegħdu lin-negozji tal-UE fi żvantaġġ kompetittiv meta mqabbla ma' dawk mhux tal-UE. Din ix-xejra mhux biss iddgħajjef l-oġettivi regolatorji tal-UE iżda tenfasizza wkoll kif il-proċess leġiżlattiv innifsu għandu impatt fuq iż-żieda fl-ispejjeż tal-konformità u l-kumplessità, l-effiċjenza u ċ-ċertezza legali.

F'dan il-kuntest, l-idea li l-Kunsill jaġixxi bħala "Filtru tal-Burokrazija" turi l-urġenza tar-rwol li jista' jaqdi biex jissodisfa l-aspettattivi tal-komunità tan-negozju, kif ukoll dawk tal-mexxejja tagħna, li speċifikaw is-simplifikazzjoni regolatorja (u regolamentazzjoni aħjar) bħala prijorità ċara. Aktar milli proposta formali, dan il-kunċett iservi ta' tfakkira ta' kemm tista' tittejjeb il-prattika attwali biex jintlaħqu dawn l-aspettattivi u kemm huwa essenzjali li din it-tendenza titreġġa' lura billi jiġu identifikati u eliminati b'mod attiv il-piżijiet regolatorji mhux meħtieġa matul il-proċess leġiżlattiv kollu. L-iżgurar li l-Kunsill iwettaq dan il-kompitu propost b'mod effettiv ma jeħtieġx l-introduzzjoni ta' għodod jew strateġiji ġodda u rivoluzzjonarji.

Fil-fatt, il-Kunsill diġà għandu sett b'saħħtu ta' għodod li jistgħu jappoġġaw il-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar. Dan jinkludi impenn biex jiġu vvalutati l-impatti tal-emendi sostanzjali — anke jekk ikunu fl-aħħar minuta, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Dan jinvolvi wkoll il-kapaċità li jintużaw il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni Ewropea u l-lista ta' kontroll indikattiva biex jiġu eżaminati l-aspetti ewlenin kollha tal-analiżi, inkluż l-impatti fuq l-SMEs u l-kompetittività (abbażi tat-testijiet tal-SMEs u l-kontrolli tal-kompetittività tal-Kummissjoni), l-aspetti territorjali u diġitali. Dawn il-passi jiggwidaw il-ħidma leġiżlattiva tal-Kunsill, inkluż il-kapaċità tiegħu li jagħmel valutazzjonijiet tal-impatt indipendenti b'rabta mal-emendi sostanzjali tiegħu. Bl-isfruttament sħiħ ta' dawn il-kapaċitajiet eżistenti, il-Kunsill jista' jtejjeb konsiderevolment il-kwalità tal-proposti, filwaqt li jiżgura li jgħinu aktar in-negozju mingħajr ma joħlqu piżijiet addizzjonali bla bżonn.

Il-Kunsill jista' juża l-għodod tiegħu ta' regolamentazzjoni aħjar b'mod aktar sħiħ u jevita regoli kumplessi żżejjed li jeħtieġu simplifikazzjoni aktar tard. F'dan ir-rigward, kwistjoni ewlenija hija x'iwaqqaf lill-Kunsill milli juża aktar l-għodod diġà disponibbli u jaġixxi bħala "Filtru tal-Burokrazija". L-ostakli ewlenin jistgħu jinkludu nuqqas ta' definizzjoni ta' x'tinvolvi emenda sostanzjali, nuqqas ta' għarfien tal-konfigurazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-piż amministrattiv u l-implikazzjonijiet tal-ispejjeż tal-proposti tagħhom, il-perċezzjoni li l-valutazzjoni tal-impatt tista' ddum - dan hu speċjalment problematiku għall-proposti tal-aħħar minuta, għarfien mhux biżżejjed tal-proċeduri tal-valutazzjoni tal-impatt tal-istrutturi ta' ħidma awtonomi, applikazzjoni inkonsistenti tar-regoli ta' regolamentazzjoni aħjar, u kollaborazzjoni limitata bejn il-formazzjonijiet u l-gruppi ta' ħidma. F'dan ir-rigward, il-Kunsill COMPET jista' jsaħħaħ ir-rwol tiegħu billi jagħti kontribut lil konfigurazzjonijiet l-oħra tal-Kunsill biex inaqqsu l-piżijiet u jsaħħu l-kompetittività, filwaqt li jrawmu qafas regolatorju tal-UE li jgħin in-negozju.

Huwa kruċjali li jinżammu l-impenji skont il-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet huwa kruċjali. Is-simplifikazzjoni u t-tħaffif tal-proċess għall-valutazzjoni ta' emendi sostanzjali b'enfasi fuq l-impatti tan-negozju jew l-istabbiliment ta' xi forom ta' appoġġ istituzzjonali ddedikat għall-koleġislaturi jistgħu jtejbju l-konsistenza u jnaqqsu l-piżijiet tal-liġi tal-UE. Dan jallinja mas-sejħa ta' Mario Draghi biex jitkejlu sistematikament l-ispejjeż leġiżlattivi, speċjalment għall-SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja.

Hija wkoll vitali koordinazzjoni mtejbja bejn il-koleġislaturi biex jiġu evitati liġijiet li jkunu ta' piż. Skambju ċar u bikri biex jidentifika l-impatti potenzjali tan-negozju u jallinja l-għanijiet jista' jissimplifika t-teħid tad-deċiżjonijiet u jnaqqas l-inkonsistenzi.

Mistoqsija għad-diskussjoni:

1. X'inhuma l-isfidi ewlenin li jżommu lill-Kunsill milli jimplementa prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar b'mod aktar sħiħ, u kif jista' l-Kunsill jaġixxi b'mod effettiv bħala Filtru tal-Burokrazija biex joħloq benefiċċji tanġibbli għall-kumpaniji billi jrawwem ambjent regolatorju li jgħin in-negozju?